# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum it-Tnejn 13 ta' Gunju 2016

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs.**

**Christopher Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Christopher Busuttil ta' 21 sena iben Saviour u Angela nee' Abela mwieled Pieta' fis-17 ta' April, 1983 residenti 3 Triq il-Marrubija Zejtun u bin-numru ta' l-identita' 207983M.

Billi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Gunju, 2004 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina (raza tal-cannabis u ecstasy) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li ppromwova, ikkostitwixxa jew organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.

b) Ipproduca, biegh jew xorta'ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew/xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi kkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur ta-regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 ta' 1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31) u l-artikolu 16 tal-Att V tan-1985 kif sussegwentement emendati.

d) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

e) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Aktar talli kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22 sub inciz 2(II) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), u tas-subartilolu 2C tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31) sabiex l-imputat jigi pprocessat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghalhekk baghat l-atti tal-kompilazzjoni maghmulin kontra l-imputat lil din il-Qorti.[1]

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, u t-trattazzjoni ulterjuri taghhom.

---

[1] Ara fol. 97 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali kienu s-segwenti:

1. Fis-26 ta' Gunju 2004, il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu arrestaw minn Hal-Tarxien zewg zghazagh, Clifton Buttigieg u Victor Alan Brenner, dwar allegat pussess u spacc tad-droga.
2. Clifton Buttigieg ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija bil-gurament quddiem il-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera. F'din l-istqarrija huwa xehed li huwa jpejjep il-joints tal-cannabis, u li jixtri dawn il-joints minghand l-imputat, u li kien habib sew tal-imputat. Huwa qal ukoll li nies li kienu jistaqsuh minn fejn jixtru l-cannabis, kien jibghathom biex jinqdew minghand l-imputat, u li kien hemm okkazzjonijiet fejn hu kienu jiehu d-droga minghand l-imputat ghand klijenti tal-istess imputat. Hu ma kienx jithallas ta' dan ix-xoghol, pero l-imputat kien jiehu hsiebu billi itih bicca cannabis ikbar milli suppost biex jikkunsmaha hu personali.
3. Clifton Buttigieg xehed ukoll li mhux l-ewwel darba li ra lill-imputat jixtri d-droga minghand Victor Alan Brenner. Jghid ukoll kemm-il darba huwa kien mal-imputat meta dan kien qed ibiegh ir-raza tal-kannabis. Jghid li generalment kien ibiegh mit-tieqa tal-kamra tieghu gewwa z-Zejtun jew hdejn il-klabb tal-bocci taz-Zejtun stess, hdejn il-bandli. Jghid ukoll li kemm-il darba ra lill-imputat ibiegh pilloli tal-ecstacy, izda qatt ma rah jixtri.
4. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Clifton Buttigieg zied jghid li kien ilu jghin lill-imputat billi jqassamlu d-droga lil klijenti ghal perjodu ta' madwar tlett xhur. Jghid li f'gimgha gieli cemplulu tnejn jew tlieta min-nies biex jinqdew. Semma' wkoll il-laqmijiet ta' erba' persuni ohra, li qal li kienu jixtru d-droga minghand l-imputat.
5. Fis-26 ta' Gunju 2004 saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat, fiz-Zejtun. Fil-kamra tas-sodda tieghu, instabu tminn bicciet tar-resina suspettata cannabis u xi affarijiet relatati mat-tehid u abbuz ta' droga.[2]

[2] Ara xhieda ta' PC 451 Aaron Bugeja a fol. 17 tal-process.

6. Fl-istqarrija tieghu lil Pulizija, l-imputat ammetta li d-droga u l-affarijiet relatati maghha li nstabu fil-kamra tieghu kienu tieghu. Hu ammetta wkoll li kien ilu madwar erba' (4) snin jabbuza mid-droga cannabis u li kien iqattaghha bicca bicca, sabiex ikun jista' jikkalkula d-doza li jitfa' f'kull sigarett. Hu kien ipejjep joint wiehed, l-iktar tnejn kuljum, u jitfa fihom bicca zghira bhal dawk li instabu go bott fil-kamra tieghu. Jghid li l-ammont ta' resina li nstabitlu isservih ghal xi hmistax-il gurnata.
7. L-imputat ammetta wkoll li gieli abbuza mid-droga ecstacy meta jmur f'xi party.
8. Fl-istqarrija l-imputat jghid ukoll li hu qatt ma biegh droga, pero meta xi habib tieghu kien jitolbu ghal xi bicca resina biex jaghmel joint kien itih. Jghid li ma kienx jitlobhom flus, ghax hu gieli talabhom ituh resina meta ma jkollux.
9. Fir-relazzjoni tieghu,[3] l-espert spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:

   *"(a) Li ma nstabux sustanzi illegali fuq is-sikkina u l-imqass li kien hemm fid-dokument 397/07/01;*

   *(b) Li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) fil-joint uzat li kien hemm fid-dokument 397/07/01;*

   *(c) Li l-blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 397/07/01, f'ammont nett totali ta 4.433 grammi, kienu raza tal-pjanta Cannabis. F'dawn il-blokki ta' sustanza kannella instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'ammont ta' cirka 5.3%. Ir-raza tal-pjanta tal-Cannabis, hija kontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti se tibda l-konsiderazzjonijiet taghha bl-istqarrija tal-imputat, dak li nstab ghandu waqt it-tfittxija u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

1. L-imputat instab fil-pussess ta' 4.433 grammi tar-raza tal-pjanta Cannabis. Dan il-piz huwa diga indikattiv li d-droga ma kinietx intiza kollha ghall-uzu personali. Infatti skond skont l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta), pussess ta' droga cannabis huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ma jkunx ta' izjed minn 3.5 grammi.

[3] Ezebit bhala Dok MM a fol. 22 tal-process.

2. Skond ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud dawn kienu mqassmin fi blokka ta' 0.215g, blokka ohra ta' 0.297g u diversi blokki li flimkien kienu jammontaw ghal piz ta' 3.921g. Issa huwa notorju fil-qasam tad-droga, li l-ammont ta' raza jew haxixa tal-cannabis li wiehed ikollu bzonn biex jaghmel *joint* huwa ta' circa 0.2g. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu jaqsam ir-raza kollha li jkollu f'bicciet biex ikun jista' jikkalkula id-doza raza tal-cannabis li jqieghed f'kull sigarett. Ma hemmx dubbju li l-ewwel blokka raza ta' 0.215g hija doza tipika li tintuza ghal joint. Sabiex tati il-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, din il-Qorti, lesta wkoll li tikkoncedi li t-tieni blokka raza ta' 0.297g taqa' wkoll fil-parametri ta' doza tipika ghal joint, stante li l-imputat stqarr li ilu jabbuza mid-droga erba' snin, u ghalhekk seta' rabba' aktar stamina biex jikkonsma iktar min-normal. Pero il-blokki l-ohra flimkien jammontaw ghal piz ta' 3.921g. Sfortunatament, l-espert Spizjar Mario Mifsud ma specifikax l-ammont ta' dawn il-blokki zghar, pero ix-xhud PC451 Aaron Bugeja u x-xhud WPC89 it-tnejn xehdu li fit-tfittxija instabu tminn (8) bicciet resina tal-cannabis f'daqsijiet differenti, u din ix-xhieda ma gietx kontradetta. Dan ifisser li l-blokki l-ohra li nstabu, u gew konsiderati mill-espert spizjar komplessivament, kienu sitta (6). Issa jekk wiehed jiddividi l-piz ta' 3.921g b'sitt (6) bicciet, jigi li kull bicca kellha piz ta' circa 0.65g – piz li bl-ebda mod tal immaginazzjoni ma jigi ikkunsidrat bhala doza tipika. Inoltre, ghalkemm l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu, li hu jaqsam ir-raza kollha li jixtri f'bicciet zghar sabiex ikun jaf id-doza li qed ipoggi f'kull sigarett, l-imputat ma jaghti l-ebda spjegazzjoni ghalfejn il-bicciet tal-cannabis kellhom daqsijiet daqshekk differenti.

3. Fi kwalunkwe kaz, id-dikjarazzjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu li hu jqatta' ir-raza kollha f'bicciet zghar biex ikollu d-dozi lesti mhix attendibbli. Jekk id-droga kienet intiza kollha ghalih u hu kien jikkonsma joint wiehed sa tnejn kuljum, u li l-ammont li nstablu kien iservih hmistax (15)-il gurnata, kif jghid fl-istqarrija, ma kienx jaghmel sens li jkollu mqatta' iktar minn tlieta jew erba bicciet dozi tar-raza, altrimenti l-bicciet l-ohra jinxfu.

4. Meta waqt l-interrogatorju, l-imputat gie mistoqsi jekk hu qattx biegh xi bicca lil xi habib, l-imputat fl-istqarrija tieghu wiegeb hekk: *"Nghid li qatt ma hadt flus, biss ikun hemm okkazjonijiet fejn xi habib jitlobni sigarett cioe joint w jien ntieh il-bicca rezina biex jaghmel il-joint"* u mbaghad ikompli jispjega li hu kien itiehilhom b'xejn

*"ghaliex gieli nitlob lil dawn il-persuni jien meta ma jkollix".* Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, ghalkemm l-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu, huwa jghid li hu qal dan il-kliem fil-kuntest li *"nkunu bejn hbieb qed tifhem u daqqa jkolli jiena u daqqa jkollhom huma ... ... Konna npejpu sigarett flimkien."* Mistoqsi minn din il-Qorti biex jikkonferma li hu gieli ta' bicciet ta' cannabis lil hbieb tieghu, l-imputat wiegeb *"Biex inpejpju sigarett flimkien ... ... Ifhem konna nkunu flimkien u kont nghidlu ha nobormu inti s-sigarett jew ha nobormu jiena? Dik il-haga."*[4] Dan huwa attentat ovvju min-naha tal-imputat, biex idawwar dak li qal fl-istqarrija li gieli ta' xi bicca raza lil xi habib, ghal kuncett ta' dak li hu popularament maghruf bhala *"trafficking by sharing"*, regolat bl-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101. Pero, fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri mhix kredibbli, u meta fl-istqarrija tieghu, hu qal li kien jaghti bicca raza lil xi habib tieghu li jitolbu bicca, il-mod ta' kif jghidha juri bic-car li l-imputat kien itihielu minghajr ebda intenzjoni li huma jikkunsmaw dik ir-raza flimkien. Apparti li dan jidher car mill-mod kif l-imputat irrisponda d-domandi fl-interrogatorju, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li li kieku l-imputat kien jikkonsma r-raza li jkun ta lil habib tieghu flimkien mieghu, dan kien jghidu wkoll fl-istqarrija. Konsegwentement, fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien jittraffika d-droga cannabis, ghaliex kif gie ritenut diversi drabi minn dawn il-Qrati sabiex ikun hemm traffikar mhux necessarju li min jghaddi d-droga lil haddiehor mhux necessarju li dan isir ghall-flus jew korrispettiv iehor. (**Il-Pulizija vs. Marvin Cachia**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fis-26 Awwissu 1998.)

5. Inoltre, fil-kamra tal-imputat instab ghall-inqas roll wiehed tal-foil, u fl-istqarrija tieghu l-imputat jiggustifika il-prezenza ta' dan il-foil fil-kamra tieghu, billi jghid li dan juzah ghal barbeques. Pero, ma ta l-ebda spejgazzjoni ghalfejn ir-roll tal-foil kien fil-kamra tas-sodda tieghu u mhux fil-kcina fejn hu postu – jaghmel kemm jaghmel barbeques l-imputat. L-unika raguni logika biex tiggustifika il-prezenza ta' dan ir-roll tal-foil fil-kamra tas-sodda tal-imputat, hu li dan kien juza l-foil biex ipoggi l-bicciet ta' raza fiha sabiex ikun jista' jispaccaha.

6. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li gieli abbuza bid-droga ecstacy, pero jichad li qatt bih din id-droga.

[4] Ara xhieda tal-imputat a fol. 43-44 tal-process.
[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

Il-Qorti se tghaddi issa biex tikkonsidra x-xhieda guramentata ta' Clifton Buttigieg, li l-partijiet importanti taghha gew riprodotti aktar il-fuq f'din is-sentenza. Il-Qorti tibda biex tghid li ghalkemm fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat sahaq hafna fuq il-fedina penali allegatament raffrettarja ta Clifton Buttigieg, din il-fedina penali mhix fl-atti ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk, l-allegazzjonijiet tad-difiza fir-rigward ma jistghux jigu kkunsidrati minn din il-Qorti.

Din il-Qorti kkunsidrat fit-tul ix-xhieda guramentata ta' Clifton Buttigieg, ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta Frar 2008, u x-xhieda ulterjuri tieghu quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2010, u waslet ghal konkluzjoni li jezisti dubbju ragonevoli kemm dan ix-xhud qal il-verita fix-xhieda tieghu, specjalment dik guramentata. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghal zewg ragunijiet principali.

1. Ix-xhud Clifton Buttigieg biddel il-versjoni li ta' fix-xhieda guramentata meta xehed qudddiem din il-Qorti. Fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Frar 2008, huwa ikkonferma x-xhieda guramentata tieghu b'certa riluttanza u qal ukoll li lill-imputat kien ilu jafu *"xahar u xi haga",* meta fix-xhieda guramentata tieghu jghid li kien habib sew tal-imputat, tant li kien jikkonsenja d-droga lill-kliijenti tal-imputat minghajr ma jzommlu flus. Jekk, Buttigieg kien ilu jaf lill-imputat biss xahar, ma hux verosimili li kien se jidhol ghal missjoni riskjuza li jqassamlu d-droga lill-klijenti – u di piu minghajr ma jippretendi l-ebda hlas. F'din ix-xhieda tieghu Clifton Buttigieg jghid ukoll, li qatt ma ghaddew flus minghandu ghal ghand l-imputat, u mill-imputat ghall-ghandu. Jekk Buttigieg kien id-delivery man tad-droga tal-imputat, il-Qorti ma tistax tifhem kif l-allegati klijenti li jsemmi Buttigieg ma kienux jaghtu l-flus fil-pront lil Buttigieg. F'dan il-qasam, huwa notorju li d-droga ma tinbieghx bil-kreditu. Ghalhekk din il-Qorti ma temminx li Buttigieg kien fil-fatt iqassam id-droga lill-klijenti tal-imputat.

2. Fix-xhieda tieghu tat-8 ta' Frar 2010, Clifton Buttigieg kien evaziv hafna fir-risposti tieghu u pprova jaghti x'wiehed jifhem li l-imputat kien jaghtih d-droga sabiex jaqsmuha flimkien – *"Naqsmu hekk flimkien mhux jaghtini"* – attentat ovvju sabiex ix-xiri tiegu tad-droga minghand l-imputat jaqa' taht il-kuncett ta' dak li popolarment hu maghruf bhala *"trafficking by sharing"*. Xhieda li din il-Qorti assolutament ma

temminx li hi veritiera. Pero huwa rega' ikkonferma ix-xhieda guramentata li kien ta bil-gurament, pero rega nsista li l-klijenti tal-imputat li kien itihom id-droga ma kienu jtuh xejn lura – dikjarazzjoni li m'ghandhiex mis-sewwa. F'din ix-xhieda huwa jghid li kien ilu jaf lill-imputat *"xahrejn jew tlieta"* u f'dan il-perjodu mar forsi darba jew darbtejn l-akar, jaghti d-droga lil klijent tal-imputat. Jghid li ra lill-imputat ibiegh id-dorga ecstacy darba – u dan ghax haseb hu *"minn certu movimenti"* tal-imputat – xhieda li certament thalli dubbju serju u ragonevoli ta' kemm hu veru li l-imputat kien ibiegh l-ecstacy. Huwa vera li fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li nies li ma jafhomx gieli staqsewh jekk ghandhux ecstacy – fatt certament stramb. Pero dawn il-provi wahedhom ihallu dubju ragonevoli f'mohh din il-Qorti kemm hu vera li l-imputat kien ibiegh id-droga ecstacy.

3. Il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha li meta rrilaxxa l-istqarrija guramentata tieghu, ix-xhud Clifton Buttigieg kellu nteress jitfa' l-htija fuq l-imputat, u forsi ipingiegh bhala traffikant tad-droga hafna aktar milli kien, sabiex jidher li qed jghin lill-Pulizija u b'hekk jikkwalifika ghal mitigazzjoni fil-piena skont l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101. Fl-opinjoni tal-Qorti, kieku l-imputat kien traffikant daqshekk kbir kif pingieh ix-xhud Buttigieg fl-istqarrija guramentata tieghu, certament, li fit-tfixxija fir-residenza tal-imputat kienu jinstabu flus sostanzjali li l-imputat ikun dahhal mill-bejgh tad-droga. Mill-atti ma jirrizultax li minn din it-tfittxija instabu xi flus partikolari ghand l-imputat, li l-pulizija deherilhom li kienu suspettuzi u kellhom jelevaw.

Ladarba din il-Qorti mhix qed tati attendibilita lill-istqarrija guramentata ta' Buttigieg, l-imputat ma jistghax jinsab hati tas-sitt (6) imputazzjoni, u cioe li biegh id-droga fi jew gewwa distanza ta' mitt metru minn club jew centru taz-zghazagh, ghax din l-allegazzjoni jaghmilha biss Buttigieg fix-xhieda guramentata tieghu, u ma hemm ebda prova ohra li tissostanzja din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat mhix allarmanti – ghandu zewg kundanni ta' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, wahda minnhom ir-reat sar pendenti

dawn il-proceduri. Inoltre, l-ammont ta' droga cannabis li nstabet fil-pusses tal-imputat mhix wahda kbira.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-hames imputazzjoni hija inkluza u kompriza fit-tieni imputazzjoni.

Pero dawn il-fatti ma jezimux lill-imputat mill-piena ghar-reati li taghhom instab hati, in partikolari dak tat-traffikar ta' droga cannabis. Dan aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat tat-traffikar tad-droga in dizamina (Artikolu 22(9) Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan effettivament ifisser li meta persuna tinstab hatja ta' traffikar ta' droga, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa, u l-Qorti hija prekluza milli tinfliggi piena ta' prigunerija u multa inqas mill-minimu stabbilit bil-ligi.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Pero, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ta' prigunerija ghandha tinghata fil-minimu possibbli stabbilit mil-ligi u cioe dak ta' sitt (6) xhur prigunerija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet, u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontrieh, wara li rat l-Artikolu 8 (a) u (b), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 u r-Regulament 3(1) of Legal Notice 22/1985, issib lill-imputat hati tat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovuti.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u sebghin Euro u disa' u tletin centezmu (€370.39) – ekwivalenti ghal mija u hamsa u disghin Lira Maltija u centezmu (Lm159.01) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**Magistrat** **Deputat Registratur**